Kunsill Lokali Ħal Balzan
153, Triq il-Kbira
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

Data tal-laqgħa: 20 ta' Ottubru, 2016

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 153, Triq il-Kbira, Ħal Balzan, fl-4.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Ian Spiteri – Sindku
Andre' Grech – Viċi Sindku
Desmond Zammit Marmara' – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI:

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Għall-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sur Mark Mallia, l-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## Minuti

Is-Sindku Dr Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

26.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

26.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 26.2 Punti mqajma mill-Minuti

26.2.1 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kien hemm spiża addizzjonali fix-xogħlijiet strutturali fl-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. Dan peress li kellhom isaħħu l-pedamenti ta' fejn ġej il-piż tal-ħġieġa.

26.2.2 Is-Sindku qal li, l-ġimgħa d-dieħla għandhom jibdew ix-xogħlijiet tad-dawl u l-ilma u wara jibda x-xogħol fuq kisi u tikħil.

26.2.3 Is-Sidku qal li x-xogħlijiet fil-bini l-ġdid tal-Kunsill huwa ppjanat li jitlesta għal Jannar/Frar 2017.

26.2.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' infurma lill-Kunsill li kellu telefonata mis-Sur Steve Borg (uffiċjal inkarigat mill-Libreriji Pubbliċi), fejn tah x'jifhem li fuq suġġeriment tas-Sur Marc Sant (Sindku ta' Ħal Lija), il-Librerija li se ssir Ħal Balzan se tkun Lija/Balzan.

26.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala uffiċċju, ma rċievejna xejn uffiċċjali.

26.2.6 Is-Sindku talab lill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' biex jinfurma lis-Sur Marc Sant sabiex jiktiblu u l-kwistjoni tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

26.2.7 L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Mark Mallia, qal li l-Għassa tal-pulizija ta' Ħal Balzan tidher li mal-ġurnata qed tiftaħ.

26.2.8 Il-Kunsill wera x-xewqa li l-Għassa tkun miftuħa wkoll fil-ħinijiet ta' filgħaxija.

26.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv se tikteb lis-Superintendent Cassar ta' Birkirkara sabiex issir talba biex l-Għassa ta' Ħal Balzan tkun miftuħa bejn is-6.00pm u n-12.00am.

26.2.10 L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa fuq il-proposta li bgħatu l-Planning Authority dwar it-tibdil fl-*alignment* fi Vjal De Paule. Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li din il-proposta hi biex minn *Residential Area* l-parti tinbidel għal *Commercial Area*. Qal ukoll li b'din l-applikazzjoni, is-sistema tal-*front gardens* mhux ser tinbidel.

26.2.11 Il-Kunsill iddeċieda li ma ssirx oġġezzjoni fuq din l-applikazzjoni.

26.2.12 L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa x'sar fuq ir-rampa illega li li saret fi Triq Qarċilla. Is-Segretarju Eżekuttiv, Doriette Farrugia qalet li hi diġa bagħtet ittra lis-sid sabiex jirranġa l-bankina.

26.2.13 Illum, il-ħaddiema tal-Kunsill marru jiċċekkjaw u saba li sar xogħol ħafif fuqha pero l-bankina xorta baqgħet perikoluża. Is-Sindku ser ikellem lis-sid.

26.2.14 Il-Viċi-Sindku Andre' Grech qal li rċieva lment fuq rampa llegali li saret quddiem Cose Casa u qal li se jkellem lis-sid sabiex jirranġa.

26.2.15 L-ex Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsa dwar l-ispralli tal-Wied ta' Ħal Balzan. Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li dawn ġew imnaddfa.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku, Dr Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li nħarġet *Default Notice* lill-kollettur ta' l-iskart domestiku wara li rċieva ammont ta' ilment f'diversi toroq fil-lokalita'.

26.3.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li avviċinawh diversi residenti dwar il-possibilta' li terġa' ssir *zebra cross* fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tiċċekja dwar x'proċedura trid tiġi segwita sabiex

napplikaw ma’ Transport Malta.

26.3.3 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-isponser tal-kompetizzjoni tal-klieb se jiġi fil-laqgħa li jmiss sabiex jippreżenta r-rigali lir-rebbieħa.

26.3.4 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tibda l-proċeduri sabiex titneħħa is-CCTV ta’ Triq Wigi Ebejer u titwaħħal f’Wesgħa Profs. Guze Aquilina.

26.3.5 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Domenic Vella (Uffiċjal ta’ Transport Malta), fejn iddiskutew diversi affarijiet bħal *refreshing* f’toroq arterjali u l-proċedura ta’ kif il-Kunsill għandu japplika għal *parking bays* ġodda. Il-proċedura tgħid li l-Kunsill jista’ japplika għal *parking bays* ġodda bi pjanta ppreparata minn perit fejn fuq l-istess pjanta jkun hemm immarkat eżatt kif ġejjin il-*parking bays*.

26.3.6 Is-Sindku qal li rċieva talba mingħand il-Maltapost plc sabiex iressqu il-*pillar box* ta’ Triq il-Ferrovija l-Qadima minn kantuniera ma’ Vjal il-Bon Pastur għal kantuniera ma’ Vjal De Paule biex tilħaq aktar nies. Il-Kunsill unanimament m’aċċettax din it-talba u qed jipproponu li il-*pillar box* tersaq ma’ kantuniera ma’ Vjal Sir Michaelangelo Refalo, u b’hekk ir-residenti ta’ Ħal Balzan jibqgħu moqdija xorta.

26.3.7 Is-Sindku qal li avviċinah is-Sur Mario Ellul mill-*Health Department* u talbu sabiex il-Kunsill jgħinhom isibu post f’Ħal Balzan sabiex ikun jista’ bħala Berġa. Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex jekk ikunu jafu b’xi ħaġa jinfurmawh.

## 26.4 Korrispondenza

26.4.1 Ittra Nru. 6002: Ċirkulari Nru 16/2016 – Ħatra ta’ Deputat Segretarju Eżekuttiv. Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

26.4.2 Ittra Nru. 6050: Talba minn għand residenta sabiex titbaxxa l-baxxa l-bankina quddiem il-garaxx tar-residenza tagħha nru 7 fi Triq it-Tliet Knejjes biex tkun tista’ tidħol u toħroġ fil-garaxx. It-talba ġiet approvata sakemm ix-xogħol isir a spejjeż tagħha.

26.4.3 Ittra Nru. 6051: Talba mis-Sur Mifsud sabiex jinħariġlu permess tan-*No Parking* għal sena biex ikun jista’ jipparkja van jew trukk quddiem binja li se jsir xogħol ta’ kostruzzjoni fuqha. Il-Kunsill approva li l-permess jinħareġ bejn is-7.00am u l-5.00pm, Ħdud u festi esklużi għal tul ta’ 3 xhur, u jerġgħa jiġi mġedded jekk ikun hemm bżonn.

26.4.4 Ittra Nru. 6057: Stedina mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal Laqgħa tas-Sindki li se ssir nhar is-Sibt, 5 ta’ Novembru 2016 fil-Palazz Verdala, il-Buskett. Għal din il-laqgħa ser jattendu s-Sindku u l-Viċi Sindku.

26.4.5 Ittra Nru. 6064: Ittra mingħand il-voluntiera ta’ Triq l-Għerusija fejn qed jitolbu li l-konsum tad-dawl għal tiżjin tal-Milied li jsir f’dik it-triq jitħallas mill-kunsill. Din l-attivita’ sejra ssir b’kollaborazzjoni mal-Kunsill. Il-Kunsill approva din it-talba.

26.4.6 Dwar l-ilmenti u l-korrispondenza l-oħra li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu, dawn ġew innutati u kkunsidrati u ser tittieħed azzjoni min-naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 26.5 Servizz ta’ Accountant mal-Kunsill

26.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni (mehmuża) mill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono, għas-servizz tiegħu, fejn barra x-xogħol li diġa’ jagħmel, ser jibda’ jagħmel ukoll *inputting* tat-transazzjonijiet kollha fis-Sage Pastel. L-ammont se jkun ta’ €500 kull 3 xhur minnflokk l-ammont li jitħallas preżentament ta’ €349.41. Il-Kunsill approva unanimament.

## 26.6 *Kwotazzjonijiet għall-Istampar tal-fuljett*

26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill 3 kwotazzjonijiet (mehmuża) għall-istampar tal-fuljett tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament japprova l-irħas offerta.

## 26.7 Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2016

26.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tlett xhur minn Lulju sa Settembru 2016 (mehmuż). Is-Segretarju Eżekuttiv tat xi spjegazzjonijiet.

26.7.2 Ir-Rapport Finanzjarju ġie approvat unanimament.

## 26.8 Laqgħa mas-Sur Julian Zarb

26.8.1 Is-Sur Julian Zarb m'attendiex.

## 26.9 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

26.9.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li waslitlu talba mingħand is-sid ta' għalqa fi Triq iz-Zekkuk sabiex jittawwlu ftit il-linji sofor ta' quddiem il-gate ta' l-għalqa għax qed isir ostaklu. Il-Kunsill approva unanimament.

26.9.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' qal li ż-żbir tas-siġar li jinsabu fil-parti t'isfel ta' Triq il-Kbira għadu ma sarx. Il-Kunsill se jerġgħa jkellem lill-kuntrattur biex isir ix-xogħol.

26.9.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' infurma lill-Kunsill li l-Ħarġa għal Anzjani li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 10 ta' Novembru 2016 u se jmorru il-Postal Museum, il-Belt Valletta.

26.9.4 Il-Kunsillier Joe Galea qal li sid il-garaxx nru. 226 fi Triq il-Kbira qed jitlob sabiex jagħmel mera faċċata tal-garaxx sabiex ikun jista' jara l-karozzi li jkunu niżlin. Ser issir talba ma' Transport Malta.

26.9.5 Il-Viċi Sindku Andre' Grech qal li kellmitu Krista Bugejja minn Transport Malta dwar it-talba ta' resident sabiex fuq direttiva tal-KNPD isiru linji sofor quddiem dar nru. 46 fi Triq il-Papa Alessandru VII. Ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

26.9.6 Il-Viċi Sindku semma li quddiem 122/124 fil-Wied ta' Ħal Balzan hemm sprall iċekċek. Ġie deċiż li jsir lastiku mad-dawra tiegħu.

26.9.7 Il-Viċi Sindku qal li se jorganiżża *Traffic Management Consultation* mar-residenti ta' Ħal Balzan. Din se ssir nhar il-Ħamis, 25 ta' Novembru 2016 fis-Sala Aurora. Ser jipprepara *fliers* sabiex jitqassmu lir-residenti.

26.9.8 Il-Viċi Sindku Andre' Grech semma li qed ikun riħa qawwija ta' kimika fl-akwati ta' Triq Patri Guze Delia u Triq il-Kannizzata. Il-Kunsill ser jgħaddi l-ilment lis-Sanita' ta' Birkirkara.

26.9.9 Il-Kunsillier Daniel Muscat semma li fil-Wied ta' Ħal Balzan in-naħa ta' fejn Triq il-Mitħna, hemm parti mingħajr bankina. Qal ukoll li hemm parti n-naħa ta' wara s-siġarmingħajr *parking bays.* Ser issir applikazzjoni ma' Transport Malta.

26.9.10 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li kellu diversi talbiet sabiex ir-*Residential Parking Scheme* tiġi estiża f'diversi toroq oħra f'Ħal Balzan. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu li sakemm Transport Malta toħroġ il-*policy* l-ġdida fuqhom, mhux qed jintlaqgħu talbiet ġodda.

26.9.11 Il-Kunsillier Daniel Muscat semma li fi Triq il-Kbira n-naħa tal-pjazza hemm 3 fanali (*central hanginig*) li baqgħu ma tneħħewx minn meta sara l-lanterni dekorattivi. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tinfurma l-kuntrattur sabiex jitneħħew.

26.9.12 Il-Kunsillier Daniel Muscat semma li kellu proposta sabiex il-Kunsill jorganizza *Tour* mal-*Heritage Trail* f'Ħal Balzan. Qed jaħseb li din l-attivita' issir fit-12 ta' Frar 2017, fil-*weekend* ta' qabel Jum San Valentinu u ssir bit-tema ta' din il-festa. Hu qal li ser jaħdem fuq din l-idea u jagħti aktar dettalji fil-laqgħat li ġejjin.

## 26.10 Approvazzjoni tal-Ħlasijiet

26.10.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data ta' l-20 ta' Ottubrubru 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 24,857.35. L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara'. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 26.11 Affarijiet oħra

26.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li wasal iż-żmien biex joħroġ it-Tender għas-servizz ta' *Street Sweeping*. Il-Kunsill unanimament approva sabiex din id-darba it-Tender ma toħroġx fuq *Manual Machenised Sweeping*, iżda toħroġ fuq *Manual Sweeping* biss. Il-Kunsill approva biex jibda l-proċess.

26.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta' reżoluzzjoni sabiex tutiliżża 61 siegħa mill-*leave* f'Novembru u Diċembru 2016 u sabiex takkumula 27 siegħa mill-*leave* ma' tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill approva unanimament.

26.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li bdiet l-proċess għall-ingaġġ tas-skrivan/a fuq bażi ta' Part-Time. Is-sejħa miftuħa sa nhar il-Ħamis, 27 ta' Ottubru 2016 u għalissa hija miftuħa internament għal ħaddiema klerikali f'Kunsilli Lokali. Sallum għadna ma rċievejna l-eba applikazzjoni.

26.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-iskrivana full-time qed titlob sabiex fix-xitwa tibda taħdem mis-7.00am sa l-4.00pm minnflok mit-7.45am sa l-4.45pm. Il-Kunsill approva unanimament.

26.11.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsill li trid issir l-*app* tal-Heritage Trail sabiex ikun jista' jingħalaq il-proġett ta' l-ERDF.

## 26.12 Aġġornament

26.12.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2016 fl-4.30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 17 ta' Novembru 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |